MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 708/2002

**C.E.B. Limited**

**Vs**

**Almeco Limited, Aluminium Extrusions Limited, Raymond u Rita konjugi Borg, Charles u Margareth konjugi Borg u Silvio u Patricia konjugi Borg.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l**-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess:

Illi, s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socjeta' konvenuta Almeco Limited;

Premess illi, mill-biegh maghmul u merkanzija debitament konsenjata ghad-hemm bilanc tal-prezz dovut lis-socjeta' attrici, liema bilanc jammonta ghas-somma ta' mija tnejn u ghoxrin elf mija disgha u erbghin liri sebghin centezmi Maltin (Lm122,149.70) (mitejn disgha u sebghin elf tlett mija u erba u erbghin dollari amerikani konvertiti bir-rata ta' 2.2869, tat-12 ta' Gunju 2002);

Premess illi, ghalkemm interpellata biex thallas permezz ta' diversi interpallazzjonijiet fosthom ittra ufficcjali datata 12 ta' Gunju 2002 (kopja annessa u mmarkata Dok PF1), is-socjeta' konvenuta Almeco Limited, baqghet inadempjenti;

Premess illi, s-socjeta' attrici talbet minghand is-socjeta' konvenuta Almeco Limited li dan id-debitu jigi kawtelat ukoll minn garanti u fil-fatt skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti PF2, PF3, PF4, PF5 u PF6 il-konvenuti Silvio u Patricia konjugi Borg, Charles u Margareth konjugi Borg u Ray u Rita konjugi Borg, kif ukoll il-kumpanija Aluminium Extrusions Limited dahlu bhala garanti fl-ammont li jirrizultaw mill-istess dokumenti ezebiti ghall-dan id-debitu, u li wkoll gew imsejha permezz ta' ittra ufficjali sabiex jaddivjenu ghall-hlas tal-imsemmi debitu wara li kien dovut u ma thallasx mill-istess socjeta' konvenuta Almeco Limited, biss ukoll baqghu inadempjenti, (Dok PF7 u PF8);

Premess illi, dan id-debitu tas-socjeta' konvenuta Almeco Limited fil-konfront tas-socjeta' attrici, huwa cert, likwidu u skadut ai termini ta' l-artikolu 167 tal- Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta' attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddikjara s-socjeta' konvenuta debitrici fis-somma intiera ta' Lm122,149.70 kif ukoll lil konvenuti fil-vesti taghhom bhala garanti debituri solidalment mal-kumpanija ghas-somma minnhom garantita rispettivament;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Almeco Limited u l-konvenuti nkluzi s-socjeta' Aluminium Extrusions Limited, solidalment jhallsu s-somma hekk likwidata;

3. Tiddeciedi l-kawza bid-dispenza tas-smiegh ai termini tal-Art. 167 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluz dawk ta' tlett ittri ufficjali datati 12 ta' Gunju 2002, kontra s-socjeta' konvenuta u l-konvenuti, kif ukoll ittra ufficjali ohra presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikurattrici.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in**-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 32 tal-process fejn eccepew:

1. Kif intavolata, l-ewwel talba attrici ma tistax tirnexxi billi l-prezz tal-bejgh gie espress f'dollari Amerikani, mentri t-talba attrici esprimiet il-bilanc allegatament dovut f'valuta differenti, b'mod ghalhekk illi l-prezz u t-talba huma differenti wiehed mill-iehor;

2. It-tieni talba attrici lanqas tista' tirnexxi ghaliex m'hemm l-ebda ammont li ghandu jigi likwidat;

3. Kif intavolata, m'huwiex car jekk ic-citazzjoni hijiex azzjoni kambjarja jew talba ghal dikjarazzjoni ta' hlas ta' bilanc ta' prezz ta' merkanzija;

4. Il-garanzija kambjarja ma ssirx bi skrittura, izda ssir bl-***aval*** tal-kambjala mit-terz, u ghalhekk it-talbiet ghall-hlas kif proposti fic-citazzjoni ghandhom jigu michuda;

5. Kwantu ghall-garanzija tal-eccipjenti ahwa Borg proprio u zwieghom, din m'hijiex solidali u ghalhekk, l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda;

6. Il-garanzija personali m'humiex ghall-ammont intier.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri u rat in-noti tal-partijiet;

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dwar il-mertu tal-kawza (konsenja tal-merkanzija) ma hemmx kontestazzjoni. Il-kontestazzjoni hija dwar minn min hu dovut l-ammont, u x'ammont precisament hu dovut.

Fl-ewwel (1) eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li kif intavolata, l-ewwel talba attrici ma tistax tirnexxi billi l-prezz tal-bejgh gie espress f'dollari Amerikani, mentri t-talba attrici esprimiet il-bilanc allegatament dovut f'valuta differenti, b'mod ghalhekk illi l-prezz u t-talba huma differenti wiehed mill-iehor.

Il-konvenuti qed jissottomettu li l-kambju ghandu jkun tad-dati rispettivi ta' meta ghalqu l-pagamenti mentri l-atturi kkonvertew l-ammont dovut f'dollari Amerikani fil jum tat-12 ta' Gunju 2002, cjoe meta saret l-interpellazzjoni ufficjali (ara fol 5 et seq).

Skond il-gurisprudenza, r-rata tal-kambju applikabbli hija dika tal-gurnata meta kellu jsir il-hlas, dan pero' ma jfissirx li, minhabba f'hekk, ghax giet komputata data differenti, l-ebda ammont mhu dovut. Li jfisser hu jridu jsiru l-aggustamenti opportuni. Il-Qorti, meta kkunsidrat id-diversi dati ta' skadenzi u promessi ta' hlas u d-diffikolta' li jkollok diversi rati differenti ta' kambju, tqis li d-data ta' l-interpellazzjoni cjoe 12 ta' Gunju 2002 ghandha tigi accettata mill-Qorti.

It-tieni (2) eccezzjoni hija konsegwenza ta' l-ewwel eccezzoni.

Dwar it-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenuti, l-atturi spjegaw li l-azzjoni mhiex wahda kambjarja - ara nota ta' kjarifika

fol 36 -  u dana jirrizulta mill premessi u mit-talbiet tac-citazzjoni.

Dwar ir-raba (4) eccezzjoni fuq il-garanzija kambjarja l-konvenuti qed isostnu li peress illi l-proceduri m'humiex ta' azzjoni kambjarja il-Qorti ma tistax tikkundanna lill avvalant, Aluminium Extrusions, li dehru biss fuq il-kambjali  (dokti 13 sa 16).

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-30 ta' Jannar 1939 fl-ismijiet Paolo Gatt vs Amabile Bartolo et Vol 30 p3 p 416 dik il-Qorti kienet ezaminat in-natura guridika ta' l-AVAL u kienet qalet li "in-natura guridika ta' l-"avallo" hija ta' obbligazzjoni kambjarja ndipendenti, diversa mill-fidejussjoni, peress illi l-fidejussioni hija ta' natura accessorja u ma tistax tkun hlief ghal obbligazzjoni wahda, mentri l-avvallant jassumi huwa stess l-obligazzjoni diretta ghal pagament tal-kambjali, anke jekk l-obbligazzjoni kambjarja garantita minnu ma tkunx valida jew tispicca. "

F'sens simili l-Vivante jispejga li meta "il-possessore ha perduto l'azione contro l'avallante non puo' senz'altro escuterlo come un fideiussore ordinario. Dalla firma dell'avallante risulta la sua volonta' di obbligarsi cambiariamente e nulla di piu'." (Vivante Vol 3 para 1231).

Fil-kaz in ezami l-konvenuti Aluminum Extrusions iffirmaw bhala garanti fuq il-kambjali biss u xejn aktar u ghalhekk ma jistghux jigu mitluba jhallsu solidalment mal-konvenuti l-ohra fuq garanzija kambjarja li ghamlu meta dina mhiex azzjoni kambjarja. Kif gja nghad l-aval hija obbligazzjoni kambjarja indipendenti, diversa mill-fidejussjoni. Dwar l-argument  l-iehor li l-garanzija tista ssir ukoll permezz ta' att separat jew b'ittra,  f'dana l-kaz il-garanzija kienet fuq il-kambjala u anke jekk setghet issir separatament, il-garanzija dejjem baqghet biex taghmel tajjeb  ghal kambjala.

Fil- (5) eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li l-garanzija ta' l-ahwa Borg proprio u zwieghom mhiex wahda solidali izda personali. Skond Ray Borg, hu rrediga

l-garanzija bi kliem specifiku biex jaghmilha cara li l-garanti ma kienux solidalment responsabbili mal-kumpanija. Dan sar billi kull koppja ggarantit somma differenti. Ghalhekk, skond il-konvenut, ma japplikax l-artikolu 1937(1).

Tikkunsidra

Illi skond l-Artikolu 1925 tal-Kap 16
Il-garanzija hija kuntratt li bih wie]ed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wie]ed ie]or, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu.

Il-garanzija ma tistax tkun pre\unta, i\da g]andha tkun espressa; u ma tistax tin]are[ barra mill-limiti li fihom tkun [iet ikkuntrattata (Art. 1929).

Il-garanti hu obbligat biss i]allas meta jonqos id-debitur prin`ipali, illi qabel xejn g]andu ji[i eskuss fuq il-beni tieg]u (Art 1934). Izda l-benefi``ju ta' l-eskussjoni ma jg]oddx (b) jekk il-garanti jkun obbliga ru]u *in solidum* mad- debitur;

Il-garanti fi ]wejje[ tal-kummer`, meta ma jkunx hemm ftehim xort'o]ra, jitqies dejjem li hu obbligat *in solidum* mad- debitur (Art 1941).

Ray Borg irrediga l-iskritturi a fol 6 sa 9 u minflok ma uza t-termini legali uzati "joint and several" (ara artikolu 1089 sa 1190) dahhal terminologija differenti minn rajh "joint and personal" li fil-ligi taghna terminologija simili ma tezistiex. L-obbligazzjoni hija jew joint jew personal.

Il-garanzija ghandha jkollha t-tifsir legali skond il-Kodici Civili hlief meta jkun hemm prova cara tal-kuntraju (App Psaila vs Zahra 4 ta' April 1995).

Skond l-artikolu 1005 tal-Kap 16
Il-kliem li jista' jfisser ]a[a u o]ra g]andu jiftiehem fis- sens li l-i\jed jaqbel ma' l-o[[ett tal-kuntratt.

Il-klawsoli kollha ta’ kuntratt jitfissru l-wa]da bl-o]ra, billi lil kull klawsola jing]ata s-sens illi jidher mill-att kollu. Art 1008.

Fil-kaz in ezami ma ngabet ebda prova li kien hemm rinunzja ghall-principju tal-joint and several liability, liema rinunzja dejjem trid tkun cara u tirrifletti l-intenzjoni tal-partijiet. Skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna r-rinunzja ta' dritt trid tirrizulta minn espressjonijet espliciti u univoci, u mhux minn espressjonijiet generici, jew minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta' preciza tar-rinunzjant (ara Sant Cassia vs N. Deguara App Inf. 1/3/82; u Henry Thake vs C. Borg App Inf. 25.11.1986).

Ghalhekk f’dana l-kaz l-obbligazzjoni kienet wahda in solidum.

Dwar is-sitt (6) eccezzjoni l-atturi jaqblu li kull garanti huwa responsabbili ghall-ammont minnu garantit, kif mitlub fic-citazzjoni u skond il-Ligi Art 1095 Kap 16 u cjoe

Charles Borg ghal US279,338.95 --- Lm122,147.43
Margareth Borg ghal US279,338.95

Ray Borg ghal US09,015.83 ---- Lm91,397.01
Rita Borg ghal US209,015.83

Silvio Borg ghal US70,323.12 ---- Lm30,750.41
Patricia Borg ghal US70,323.12

Dawn il-garanti bejnithom iggarantew l-ammont kollu dovut mis-socjeta’ konvenuta Almeco Ltd.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi

il-Qorti tastjeni mill-tiehu aktar konjizzjoni tat-tielet domanda stante li l-konvenuti kienu nghataw il-fakolta' li jikkontestaw il-kawza;
Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-socjeta' konvenuta debitrici fis-somma intiera ta' Lm122,149.70 kif ukoll lil konvenuti ahwa Borg u zwieghom, barra l-kumpanija Aluminium Extrusions, fil-vesti taghhom bhala garanti debituri solidalment mal-kumpanija ghas-somma minnhom garantita rispettivament;
Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Almeco Limited u l-konvenuti eskluza s-socjeta' Aluminium Extrusions Limited, solidalment jhallsu s-somma hekk likwidata;
Bl-imghax mit-12 ta' Gunju 2002 u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti sokkombenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------